# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 401/2020 MH**

**Illum, 4 ta' Marzu, 2022**

**Frances Anastasi (I.D. 6361G)**

**Vs**

1) **Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-saħħa**
2) **Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub illi;

*Illi hi impjegata bħala 'Charge Nurse' mas-servizz tas-saħħa, u hi ukoll omm ta' tifla bi bżonnijiet speċjali u in oltre bi ħtiġijiet mediċi illi jirrikjedu safar ta' spiss għall-kura medika.*

*Illi għal dan is-safar is-servizz mediku jkun irid jipprovdi servizz ta' 'nurse' biex takkumpanja lill-pazjenta. Għandu jiġi nnotat, kif jiġi spjegat aktar waqt is-smiegħ, illi fit-30 u aktar drabi li sar dan is-safar,*

*l-intimati qatt ma bagħtu 'nurse' għallavolja kien hemm il-ħtieġa għal dan.*

*Illi apparti li hi 'Charge Nurse' ikkwalifikata, l-Rikorrenti hi ovvjament familjari mal-problemi serji ta' saħħa li ġġarrab bintha u tista' - kif ġieli kellha tagħmel - tintervjeni b'mod professjonali u immedjat jekk jinqalgħu episodji waqt il-vjaġġ u mod ieħor,*

*Illi f'dan ir-rigward talbet illi tingħata l-'allowance' ikkontemplat fil-Ftehim Settorali iffirmat bejn il-Gvern u l-MUMN pero' ġiet irrifjutata - dan l-'allowance' ilu fis-seħħ mill-2010 u għandu jiġi nnutat illi kieku ma vjaġġatx il-Rikorrenti, il-Gvern xorta kien ikollu jħallas 'nurse' għal dan il-għan.*

*Illi l-Rikorrenti rreferiet il-każ lill-Ombudsman li wara d-debita nvestigazzjoni, bir-Rapport Nru HS0030 (**Annes Dok A**) ta raġun għal kollox lilha, li reġgħet talbet illi titħallas l-'allowance' dovut, liema talba reġgħet ġiet rifjutata mingħajr raġuni valida.*

*Illi mitlubin jottemporaw ruħhom, l-intimati rrifjutaw (**Dok B u C**) bl-istess eżitu wara Protest Ġudizzjarju (**Dok D u E**)*

*Illi għalhekk fil-fehma tar-Rikorrenti l-aġir tal-Intimati jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina b'dan illi hu azzjonabbli skont l-Art. 469A tal-Kap 12, kif ukoll għemil azzjonabbli b'dan illi l-Rikorrenti qegħda tiġi ttratta b'mod hazin minn entita' pubblika bi ksur tal-principji generali tad-dritt, fejn ċittadin għandu dritt jippretendi li jiġi ttrattat b'mod raġjonevoli u ekwu.*

*Għaldaqstant titlob illi din l-Onor. Qorti joġgħobha illi:*

1) *tiddikjara illi l-għemil tal-Intimati kif deskritt hawn fuq hu bi ksur tad-drittijjiet tagħha kif premess*
2) *tillikwida l-ammont kollu dovut lill-Rikorrenti minn meta l-'allowance' de quo ġie fis-seħħ dan b'referenza għad-drabi kollha li fihom l-Rikorrenti akkumpanjat lit-tifla tagħha*
3) *tordna illi l-Intimati iħallsu tali ammont lill-Rikorrenti*
4) *tordna illi tali ħlas ikompli jsir fil-futur.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi.*

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenuti intimati;

*Jeċċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Joseph Rapa, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, jiddikjara li jaf personalment:*

*Illi l-eċċezjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

***Eċċezzjonijiet Preliminari:***

1. *Preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu li l-azzjoni proposta hija perenta bil-mogħdija taż-żmien perentorju ta' sitt xhur hekk kif stabbilit f'subinċiż (3) tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ordni in kwistjoni seħħet aktar minn sena ilu u għaldaqstant hija kjarament milquta bid-dekandanza tas-sitt (6) xhur liema perjodu ma huwiex soggett għas-sospenzjoni jew interuzzjoni permezz ta' att gudizzjarju;*

2. *Illi in linea preliminarja wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm huwa evidenti li l-kawża hija bbażata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, l-esponenti huma tal-umli fehma Ii r-rikorrent għandha tindika ukoll jekk l-ilment tagħha jinkwadrax ruħu taħt is-subinciz (1)(a) u/jew 1(b) tal-artikolu 469A u jirriservaw Ii jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ;*

***Eċċezzjonjonijiet fil-mertu:***

1. *Illi* **dato ma non concesso** *li l-eċċezzjoni preċedenti ma tiġix akkolta, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158 (3) (ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt*

3. *Illi r-rikorrenti intavolat kawża ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 billi skont ir-rikorrenti, d-deċiżjoni tal-intimati tikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina kif ukoll għaliex skont hi qed tiġi ttratata*

*ħazin minn entita' pubblika bi ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, fejn ċittadin għandu dritt jippretendi li jiġi ttrattat b'mod raġjonevoli u ekwu. L-esponenti jissottomettu li huma qatt ċaħħdu lir-rikorrenti milli takkumpanja lill-bintha fil-vesti tagħha bħala omm fil-visti mediċi tagħha fl-esteru;*

4. *Illi l-proċedura li trid tiġi adoperata hija sempliċi – għandha ssir applikazzjoni lil kumitat kompetenti. Ir-rikorrenti qatt ma ppreżentat applikazzjoni u konsegwentement qatt ma kienet fuq il-lista ta' nursing escorts;*

5. *Illi għaldaqstant, fil-kuntest tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti, l-esponenti ma jħossux li l-aġir tagħhom b'xi mod jista' jitqies bħala rraġonevoli jew li jammonta għal xi amministrazzjonni ħażina kif allegat mir-rikorrenti;*

6. *Illi r-rikorrenti mihijiex dovuta l-allowance kontemplat fil-Ftehim Settorjali iffirmat bejn il-Gvern u l-MUMN proprju għaliex hija qatt ma ġiet reġistrata bħala nursing escort;*

7. *Illi f'kull każ ukoll fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondata fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Il-fatti kif dikjarati mill-attriċi huma kkontestati kif ser jirriżulta aħjar fil-kors tas-smiegħ tal-kawża;*

8. *Illi għar-raġunijiet suesposti u kif ħa jiġi trattat fil-mori ta din il-kawza, l-esponenti ċertament idderiġew ruħhom b'mod korrett meta ħadu id-deċizjoni mertu ta' din il-kawza;*

9. *Illi in vista tas-suespost, l-esponenti qieghdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz;*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi il-kawża tħalliet biex illum tingħata sentenza preliminari fuq l-ewwel eċċezzjoni mressqa.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni li ressqu l-konvenuti hija waħda preliminari, perentorja għal ġudizzju u se tiġi tratta f'din is-sentenza tal-lum.

*"1 Preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu li l-azzjoni proposta hija perenta bil-mogħdija taż-żmien perentorju ta' sitt xhur hekk kif stabbilit fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ordni in kwistjoni seħħet aktar minn sena ilu u għaldaqstant hija kjarament milquta bid-dekadenza tas-sitt (6) xhur liema perjodu ma huwiex soggett għas-sospensjoni jew interuzzjoni permess ta' att ġudizzjarju."*

Da parti tagħha l-attriċi straħet fuq id-dokumenti li hi esebit mar-rikors ġuramentat biex tirribatti din il-linja difenzjonali.

Dokument A [1] li huwa r-rapport tal-Ombudsman (mingħajr annessi) favur it-talba attriċi datata **18 ta' Marzu, 2019.**

Dokument B[2] komunikazzjoni mir-rappresentanti legali ta' l-attriċi li Ministeru tas-Saħħa datata **30 ta' Settembru, 2019 b'referenza għad-deċiżjoni tal-Ombudsman.**

Dokument C [3] kommunikazzjoni responsiva għal dik preċedenti mibgħuta minn Joseph Rapa, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, rifjut ieħor għat talba tagħha, datata **12 ta' Novembru, 2019**.

Dokument D[4] Protest Ġudizzjarju mibgħut mill-attriċi lil konvenuti intimati **mhux datat.**

---

[1] Folio 3
[2] Folio 18
[3] Folio 19
[4] Folio 20

Dokument E[5] Kontro Protest responsiv mill konvenuti ukoll **mhux datat.**

Da parti tal-konvenuti bħala prova in sostenn tad-difiża minnhom imressqa telgħu bħala xhud lil **Anthony Gatt[6] bħala** rappresentant tal-Ministeru tas-Saħħa. Dana presenta kopja ta' ittra mibgħuta mill-Uffiċċju tad-Deputat Prim' Ministru, Ministeru tas-Saħħa, lill-attriċi, **datata 2 ta' Frar, 2019**. Din ġiet esebita bħala Dok RG. Sentjament din l-ittra, **li ma ġietx esbita mill-attriċi,** *inter alia* tgħid;

***"Please note that the Committee Members unanimously agreed that ethically your request is unaccepatable.***

***The Committee Members are not denying you the right to accomapny your daughter, you can do so as a mother but not as an official escort. This decision is based on medical ethics hence the decision that patients cannot be escorted by relatives holds.".***

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu hawn invokat jaqra illi:

469A. "*(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjarawdak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin: (i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew (iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

[5] Folio 22
[6] Folio 334A

*(2) F'dan l-artikolu -"għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità: Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tinħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.*

***(3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew setgħa' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv".***

Fl-ewwel lok mhux ikkontesat illi dan li qed jiġi hawn mistħarreġ huwa għemil amministrattiv li jaqa' sew fil-parametri ta' dak li tgħid il-liġi fis-sub inċiż hawn ċitat.

Punt li huwa ta' dibattitu u li jolqot l-eżitu ta' l-eċċezzjoni in eżami huwa minn meta huwa kkonsidrat li beda jidekorri l-perjodu dekadenzjali opperattiv.

**Ovvjament l-eċċipjenti jsostnu lir-rifjut ġie u kien kristallizat mill-ittra Dok RG li ġġib id-data ta' 2 ta' Frar, 2019.**

Da parti tagħha l-attriċi rikorrenti tilqa' għal din l-eċċezzjoni billi tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li hi pproċediet entro t-terminu dekadenzjali kif kellha r-rifjut wara d-deċiżjoni tal-Ombudsman - allura hija hawnhekk bilfors qegħda tagħmel referenza għal l-ittra li ntbagħtitilha fit-12 ta' Novembru, 2019[7] mis-Sur Rapa wara l-imsemmija deċiżjoni tal-Ombudsman, ittra li kienet tirribatti d-deċiżjoni imsemmija u żżomm ferm in-negazzjoni ta' l-*allowances* mitluba.

Għandu jiġi nutat ukoll illi lanqas ma ġie ndikat lil Qorti d-data tal-protest fl-ipotesi lir-rikorrenti kienet qed tistrieħ fuq dan bħala d-data li setgħet tinfluenza d-dekors tat-terminu dekadenzjali. Għaliex fil-verita' l-kawża ġiet presentata

[7] Dok C ibid.

anke oltre s-sitt xhur mit-tieni rifjut tat 12 ta' Novembru, 2019. Din l-azzjoni ġiet intavoltata fid-9 ta' Ġunju, 2020.

**Jingħad bla tlaqliq illi l-ġurisprudenza nostrali, lanqas kieku r-rikorrenti kienet n terminu wara t-tieni rifjut wara d-deċiżjoni tal-Ombudsman, turi li hi għandha tort fir-raġunament minnha adottat**.

Fid-deċizjoni li fuqha tant straħet ir-rikorrenti attriċi **Logotenent Kurunell Andrew Mallia v. Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta u Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali**[8] nsibu illi l-Qorti qalet dan dwar minn meta għandu jiġi kkunsidrat ir-rifjut li minnu jibda jgħodd iż-żmien dekadenzjali: *"Iżda l-istess eżerċizzju amministrattiv ta' promozzjonijiet ġie kkonfermat fir-rigward tal-ilment tal-attur, permezz tal-ittra tal-10 ta' Settembru, 2015, u mhux qabel, peress li sa dak l-istadju l-proċess kien għadu taħt l-iskrutinju intern tal-Kap tal-Istat li taħtha jaqgħu l-Forzi Armati. Għalhekk din il-Qorti, bħal ta' qabilha, hija tal-fehma* ***li l-proċess ta' għemil amministrattiv intemm maċ-ċaħda tal-ilment tal-attur*** *appellat u mhux kif isostnu l-konvenuti appellanti mal-ħatra tal-promozzjonijiet tal-ufficjali in kontestazzjoni.* ***Din ic-cahda ċertament kienet tikkostitwixxi deċiżjoni fil-parametri ta' għemil amministrattiv kif kontemplat taħt l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12."***

*La darba l-kawża saret fi żmien sitt xhur mid-data tal-imsemmija ittra ta' Settembru 2015, li amministrattivament għalqet il-kapitolu tal-ilment tal-attur appellat, l-azzjoni attriċi mhix perenta, iżda saret fil-waqt."*

...

*"Fil-verita din il-Qorti ssib dan l-aggravju ripetittiv għall-aħħar ta' dak li ngħad taħt l-ewwel aggravju. Hi taqbel li t-terminu impost mill-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 huwa wieħed ta' dekadenza (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju, 2002, fil-kawża fl-ismijiet* ***Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et.****). Għalhekk taqbel mal-prinċipji esposti fil-ġurisprudenza ċitata mill-konvenuti appellanti, fis-sens ukoll li dan il-perjodu ma jistax jiġi interrot jew sospiż, (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***o-p Serie Limited Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** *u dik tat-23 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet* ***Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et****). Jibqa' l-fatt pero`, li kull każ irid jiġi eżaminat fiċ-ċirkostanzi tal-fatti li jsawwruh. F'dan il-każ, jiġi*

---

[8] 30 ta' Jannar 2018 Rikors numru 187/16 MCH Qorti tal-Appell

*ribadit li għalkemm huwa l-eżerċizzju adoperat fil-promozzjoni tal-istess uffiċjali li qiegħed jiġi mistħarreġ, fil-każ tal-attur appellat, dan l-eżerċizzju* ***ġie meqjus bħala wieħed finali hekk kif l-ilment tiegħu ġie miċħud****, skont il-provvedimenti tal-liġi in kwistjoni. Kwindi jsegwi li din il-Qorti ma taqbilx li l-perjodu perentorju ta' sitt xhur skatta b'effett mill-għoti tal-promozzjonijiet, peress li hija d-deċiżjoni finali li ċaħdet l-ilment tal-attur appellat, li minnha skatta l-perjodu perentorju ta' sitt xhur." (tipa grassa emfasi ta' din il-Qorti).*

Mela huwa imperativ għal dan l-eżerċizzju li jiġi stabbilit il-mument lir-rikorrenti ngħatat r-rifjut naxxenti minn proċess amministrattiv, li minnu kellu jibqa' jopera t-terminu tal-artikolu 469A(3) sakemm dan l-istħarriġ hu marbut ma dak elenkat fl-artikolu 469A(1)(b).

Għal Qorti dan huwa ċar kristallin, anzi tqies li għalhekk ir-rikorrenti komodament ommettiet li tesebixxi l-ittra li ġiet presentata mill-Ministeru tas-Saħħa bħala Dok RG. Mhux in kontestazzjoni li din kienet tikkostitwixxi rifjut minn dik l-Awtorita' li fil-fatt kellha l-porter li tiddetermina tali vertenza. Ma kienx u ma hux l-uffiċċju tal-Ombudsman li fuqu tistrieħ din il-konsiderazzjoni. Il-funzjoni tiegħu hija diversa u ma torbotx dak deċiż mill-Ministeru ċitat.

**Id-deċiżjoni aħħarija ittieħedet fid-data tat-2 ta' Frar, 2019**. Huwa vera li kien hemm okkazzjonijiet oħra **sussegwenti** fejn il-konvenuti intimati urew il-posizzjoni tagħhom fir-rigward u dana wara d-deċiżjoni tal-Ombudsman ukoll fil-kontro protest, kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat, imma dan ma jannullax jew jġib fix-xejn l-ewwel rifjut jew ittawwal iż-żmien minn meta r-rikorrenti kellha tressaq l-ilment tagħha ai terminu tal-artikolu 496A(1)(b) tal-Kap 12.

Fid-deċizjoni fl-ismijiet **Dennis Tanti Vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali u Maurice Zarb Adami f'ismu personali u bħala segretarju permanenti għall-Ministru għall-Iżvilupp u Tabib Prinċipali tal-Gvern**[9] ingħad li;

*"Fi kwalunkwe każ il-Qorti jidrilha li l-Artikolu 469A(3) huwa ċar meta jgħid li l-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur* ***isir jaf jew setgħa' jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha****. Dan l-Artikolu ma*

[9] 27 ta' Gunju, 2003 Citazzjoni Numru. 2519/1996/1

*jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf. Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub ċertament li dan kien jiġi ndikat fl-Artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perjodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar."* *(tipa grassa enfasi ta' din il-Qorti).*

Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph u Maria Carmela konjugi Spiteri v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika li b'digriet tal-Qorti tal-31 ta' Jannar 2007, il-Qorti laqgħet it-talba u tordna li l-kliem "Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika" jiġi sostitwit bil-kliem "Tabib Prinċipali tal-Gvern", Onorevoli Ministru responsabbli għas-Saħħa, Onorevoli Ministru responsabbli għall-Kompetittività, Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali**[10] il-Qorti tal-Appell qalet fir-rigward.

*"In kwantu għall-perjodu ta' sitt xhur stipulat taħt l-Artikolu 469A(3), jiġi mtenni li dan il-perjodu huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' sempliċi preskrizzjoni. Dan jinsab spjegat sew kemm fis-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju, 2002, fil-kawża fl-ismijiet* ***Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et****, kif ukoll f'dik aktar riċenti tal-24 ta' Novembru,2017, fil-kawża fl-ismijiet* ***Ragonesi & Company Limited pro. et. noe. v. Koporazzjoni Enemalta et*** *fejn ingħad ukoll:*

*"Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Għalhekk atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun għaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-liġi. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet Co-Op Services Limited v. L-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku u dik tat-23 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et)".*

…

*Imiss li jigi trattat il-punt minn meta beda għaddej il-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur. L-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 jipprovdi illi kawża sabiex twaqqa'*

[10] 26 ta' Jannar, 2018; rikors 933/06

*għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) tal-istess artikolu, għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv. "*

Għalhekk ikkonsidrat it-tgħalim ċitat hija l-fehma soda ta' din il-Qorti lli kienet x'kienet il-konklużjoni li wassal għalija l-istess Ombudsman din id-deċiżjoni ma mpattatx fuq it-terminu ta' dekadenza li beda jidekorri biss minn meta sar l-ewwel rifjut amministrattiv. Bl'ebda mod jew tiġbid ma jista' jingħad lit-tieni ittra mibgħuta mill-Ministeru in reazzjoni għal din id-deċiżjoni kienet xi deċiżjoni ġdida amministrattiva jew li kienet dik li ddetterminat r-rifjut li fuqu kellha tirreaġixxi r-rikorrenti. Fil-fatt wieħed jista' jargumenta li kieku r-rikorrenti ma kellhiex l-ewwel rifjut amministrattiv, ma kienx jkollha għalfejn tirrikorri għand l-Ombudsman.

Kif jispjega l-Pacifici Mazzoni, *"Instituzioni di Diritto Civile Italiano", Libro II, Parte 2,* f'paġna 37 *et seq, "La prescrizione colpisce indirettamente il diritto e direttamente l'azione;* ***la decadenza colpisce senz'altro il diritto che e' assogettato ad un termine e reso di breve durata****"*.

Għandu jiġi apprezzat li terminu ta' dekadenza huwa wieħed ta' natura pubblika u huwa ukoll marbut maċ-ċertezza li trid il-liġi biex azzjoni titmexxa fiż-żmien aħħari tagħha u ma titħallix inċerta in arja, bla konklużjoni u ebda determinazzjoni biex wieħed japprezza u jifhem l-impatt ta' terminu dekjadenzjali il-Qorti se terġa' tagħmel referenza għal każistika nostrali fir-rigward b'dak li ntqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited**[11] fejn ingħad dan:

*"Il-liġi trid illi kwalunkwe ksur għandu jiġi stronkat mill-ewwel, jiġi investigat u f'eżitu pożittiv jingħata rimedju. Pero' huwa fl-interess ta' l-istess impjegat illi jieħu dak il-passi neċessarji entro termine, entro limiti stabbiliti mill-liġi illi dan jista' jiġi attwat. Fin-nuqqas ta' azzjoni jew fl-ommissjoni ta' azzjoni da parti ta' l-appellant ma tistax tiġi sanata anzi jingħad ukoll illi m'hijiex sanabbli f' dan is-sens. Issir referenza għal sentenza Vinċenti ta' dan it-Tribunal fil-kas ta' Rampa Union vs Malta International Airport plc."*

[11] Appell Ċivili Nru. 21/2007 28 ta' Jannar, 2008

Tal-istess fehma kienet l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-segwenti deċiżjonijiet: **C. Fenech Clarke Tyres Limited (C – 29471) vs Awtorita' ta' Malta Dwar L-Ambjent u L-Ippjannar**[12]:

*"Illi l-eċċezzjoni preliminari mertu ta' din is-sentenza hija waħda perentorja tal-ġudizzju u tista' għalhekk titqajjem f'kull waqt tal-kawża. Hija tgħid li kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew segħta' sar jaf, skond liema jiġi lewwel, b'dak l-għemil amministattiv;*

*Illi llum il-ġurnata huwa stabilit li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza*[13]*. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;*

*Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni*[14]*: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel;*

***Illi l-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-Awtorita' li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqies li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu (fis-sub-inċiż (2)***

[12] Rikors Ġuramentat 609/11JRM 18 TA' Mejju, 2017

**.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

[14] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

***tiegħu) jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali;"*** *(enfasi tal-Qorti.)*

Fid-deċiżjoni **Sylvana TANTI vs Noel TANTI, Antoine Tanti, u Direttur Ġenerali Dipartiment tal-Kummerċ**[15] il-Qorti qalet:

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li, għal dak li jirrigwarda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-liġi hija ċara ħafna li tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss għal meta kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju issir biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, azzjoni attriċi taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1)(b), u b'żieda ma' dan, li din l-azzjoni tressqet għaliex ittieħdet deċiżjoni amministrattiva li minnha l-attriċi tħossha aggravata;*

*Illi l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-attriċi kienet ilha taf bid-deċiżjoni li ttieħdet u bil-fatt li l-liċenza tal-kummerċ kienet iddawret fuq isem l-imħarrek Antoine Tanti sa mill-2007, jiġifieri meta għamlet it-tiftix u sabet li dan kien sar fl-ewwel xhur ta' dik is-sena. Kull dubju dwar dak l-għarfien jgħib meta wieħed iqies dak li jingħad fil-protest ġudizzjarju tagħha tas-7 ta' Marzu 2007 u l-ittra li ntbagħtitilha f'Jannar tal-2008 mid-Dipartiment li qaltilha ċar u tond li d-Dipartiment ma kienx f'qagħda li jilqa' t-talba tagħha biex ireġġa' lura t-trasferiment tal-liċenza. Minn dan joħroġ li kemm fil-każ tal-għarfien li l-liċenza kienet iddawret u kif ukoll mill-ittra li sar ir-rifjut tat-talba tagħha, iż-żmien biex l-attriċi tara x'passi messha ħadet kontra l-amministrazzjoni pubblika kien beda għaddej. Huwa minnu li f'Ġunju tal-2008, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali wkoll, imma dan ma jibdel xejn minn dak li kien seħħ qabel;*

[15] Ċitaż Nru. 819/2008JRM 9 ta' Ottubru, 2014

*Illi dan qiegħed jingħad għaliex huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza*[16]*. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Għalhekk l-ittra uffiċjali li l-attriċi bagħtet fid-19 ta' Ġunju, 2008, ma setgħetx tħassar l-att ġudizzjarju (il-protest) li kienet bagħtet aktar minn sena qabel; "*

Magħmula dawn il konstatzzjonijiet il-Qorti tqies li mid-diċittura tad-dokument "C" esebit mill-istess attriċi huwa ċar li dan ma kienx l-ewwel rifjut li kienet rinfaċċata bih. Dan fil-fatt kien it-tieni rifjut (almenu) wara li ġiet kommunikata jew saret referenza għad-deċiżjoni tal-Ombudsman. Fl-istess dokument C naqraw illi: *"The Deparment of Health* ***reiterates*** *that staff members cannot be entitled to allowances paid to clinical escorts …."* ukoll *"In view of the above the Ministry for Health* ***reiterates*** *the position previously explained to the Commissioner for Health, that his recommendation in this case cannot be implemented."* Ġia jidher ċar minn hawn lir-rikorrenti kienet ben konsapevoli ta' l-ewwel rifjut amministrattiv u għalhekk **irrikorrit għal tentattivi oħra** biex tvarja dik l-ewwel deċiżjoni. Il-fatt jibqa' li l-attriċi hija *fuori terminu* mill-ewwel rifjut lilha mibgħut kif jidher mid-dokument RG li jindirizza b'mod inekwivoku t-talba tagħha li takkompanja li bintha bħala *"Official Nurse Escort"* bid-dritt ta' allowances marbuta ma l-istess.

**Illi konsegwentement in kwantu l-azzjoni mressqa hija proposta taħt l-Artikolu 469A(1)(b), għax kif sew tgħid it-tieni eċċezzjoni mhux dikjarat taħt liema artikoli tal-liġi ġiet proposta l-istess azzjoni, din hija perenta bil-mogħdija taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qegħda tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni fir-rigward.**

---

[16] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

**Tordna ukoll li l-attriċi b'mod immedjat jew seduta stante mal-qari ta' din id-deċiżjoni jew b'nota fi żmien ħames t'ijiem mill-istess illi tindirizza t-tieni eċċezzjoni.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza għar-rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**